**It-Tlieta 14 ta' Diċembru 2010**

# Il-ħolqien ta' netwerk ta' uffiċjali ta' kollegament inkarigati bl-immigrazzjoni ***I

P7_TA(2010)0469

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2010 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 377/2004 dwar il-ħolqien ta' netwerk tal-uffiċjali ta' kollegament tal-immigrazzjoni (COM(2009)0322 – C7-0055/2009 – 2009/0098(COD))**

(2012/C 169 E/34)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2009)0322),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2), l-Artikolu 63(3)(b) u l-Artikolu 66 tat-Trattat KE, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0055/2009),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bl-isem "Konsegwenzi tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona dwar il-proċeduri interistituzzjonali ta' teħid ta' deċiżjonijiet li għaddejjin bħalissa" (COM(2009)0665),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3), l-Artikolu 74 u l-Artikolu 79(2), punt ċ) tat-Trattat FUE,

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill permezz ta' ittra tal-1 ta' Diċembru 2010 biex tiġi approvata l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0342/2010),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari kif tinsab hawnhekk;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

**It-Tlieta 14 ta' Diċembru 2010**

## P7_TC1-COD(2009)0098

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-14 ta' Diċembru 2010 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 377/2004 dwar il-ħolqien ta' netwerk tal-uffiċjali ta' kollegament tal-immigrazzjoni**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 493/2011).*

---

## L-Ordni Ewropea ta' Protezzjoni ***I

P7_TA(2010)0470

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2010 dwar l-abbozz ta' direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Ordni Ewropea ta' Protezzjoni (00002/2010 – C7-0006/2010 – 2010/0802(COD))**

(2012/C 169 E/35)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-inizjattiva li ħarġet minn grupp ta' Stati Membri (00002/2010),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 76(b) u l-punt (d) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 82(1) u l-Artikolu 289(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li skont it-termini tagħhom il-Kunsill ressaq l-abbozz ta' att lill-Parlament (C7-0006/2010),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) u (15) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali dwar il-bażi legali proposta,

— wara li kkunsidra l-opinjoni motivata ppreżentata, fil-qafas tal-Protokoll (Nru 2) dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità, minn parlament nazzjonali li afferma li l-abbozz ta' att leġiżlattiv ma jikkonformax mal-prinċipju ta' sussidjarjetà,

— wara li kkunsidra l-kontributi ppreżentati mill-parlamenti nazzjonali dwar l-abbozz ta' att leġiżlattiv,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 37, 44 u 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra d-deliberazzjonijiet konġunti tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi skont it-termini tal-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A7-0354/2010),

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari kif imniżżel hawn taħt;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.